**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SEBGĦA U ERBGĦIN** **12 ta' April, 2023**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, Dr Tiffany Ann Attard, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

Il-Kunsillier s-Sur Joseph D'Amato

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

**Laqgħa annwali tal-komunita.**

Kien hemm persuna waħda preżenti.
Inqara r-rapport Pjan ta' Ħidma rivedut għas-sena 2023, li ġie approvat fis-seduta ta' Jannar 2023.
Dak preżenti jixtieq li :

- l-Kunsill ma jneħħiex il-*parking bays* il-blue tad-*disabled* meta tmut il-persuna li l-bay tkun saret għaliha. Is-Sindku qalet li fiċ-ċentru taż-Żurrieq hawn 4 parkeġġi għal persuni b'diżabilta u li TM tobbliga lill-Kunsill, li meta tmut il-persuna li jkollha reserved parking personali għaliha, titneħħa.
- Staqsa jekk il-Kunsill għandux proġetti għal Bubaqra. Is-Sindku qalet li l-Kunsill applika biex isir proġett fil-pjazza. Dan barra li jsiru manutenzjonijiet ta' dak li jkun hemm bżonn.
- Waqt il-funerali għandu jkun hemm parkeġġ riservat għall-familjari tal-mejjet. Is-Sindku qalet li ser tkellem lill-kummisjonanti taż-Żurrieq, biex jieħdu ħsieb dan u jagħmlu l-permessi meħtieġa. Is-Sindku qalet li l-Kunsill m'għandux għajnuna mill-pulizija waqt funerali.

***Tmiem tal-laqgħa annwali.***

| | | |
|---|---|---|
| **47.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 47.1.1 | | Inqrat l-ittra ta' appoloġija tal-Kunsillier Joseph D'Amato u ġiet approvata. **Dok 1**. |
| | | |
| **47.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 47.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-sitta u għerbien -il seduta. |
| | | |
| ***47.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 47.3.1 | | Is-Sindku qalet li :<br>• Persuna miż-Żurrieq, li tgħallem l-inġinerija lit-tfal, tixtieq il-post ta' Dar Mattia Preti biex tgħallem ġo fih. Hu lest li jħallas xi ħaġa għall-kirja. Kien hemm qbil fuq dan. Kien hemm qbil li l-manutenzjoni issir minn din l-istess persuna. Din il-persuna tagħmel diversi affarijiet volontarji għall-Kunsill.<br>• Ir-Reġjun Punent qed tissuġġerixxi li fil-festi tar-raħal jkun hemm reċipjent kbira li jitpoġġa l-plastik fih. Kien hemm qbil tkun fejn il-posta l-antika.<br>• Wara li rat l-aħbarijiet li fil-Birgu sar il-farmers' market, ċemplet lill-Ministru kkonċernat u talbet laqgħa. Flimkien mal-Kunsillier Marisa D'Amato attendiet għal laqgħa biex fiż-Żurrieq isir Farmers' market, kif sar fil-Birgu, u kien hemm qbil li din l-attivita' issir f'Ħadd mix-xahar (darba fix-xahar), f'Misraħ Repubblika.<br>• Ser jibda x-xogħol fuq l-Isqaq l-Iben il-Ħali wara li jitlesta x-xogħol fuq Sqaq il-Ħelu.<br><br>F'dan il-ħin daħlet il-Kunsilliera Marisa D'Amato (19:00) |
| | | |
| ***47.3.2*** | | Is-Sindku staqsiet lill-kunsilliera jekk għandhomx persuni biex ikunu fil-bord tal-għażla tal-persuni għal Ċittadin Ewlieni u Ġiegħ iż-Żurrieq.<br>F'dan il-ħin ingħalaq is-sound tas-seduta biex jissemmew in-nies proponuti.<br>Issemmew in-nies u ġew appovati.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li hu ma hux favur li l-kumitat preċedenti, jinbidel ġaladarba x-xogħol għamluh sew.<br>Intgħażlu ħames persuni ġodda għall-kumitat tal-għażla għal din is-sena. |
| | | |
| ***47.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 47.4.1 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li l-20 ta' April ser ikun hemm attivita ta' qari ta' kotba lill-anzjani fid-Day Centre fl-okkażjoni tal-*world book day.* |
| | | |
| 47.4.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• li l-letrina tal-Ġibjun mhux qed tkun nadifa. Hemm bżonn li jkun hemm aktar sorveljanza fil-Ġnien il-Ġibjun minħabba s-sewqan tar-roti. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Ir-resurfacing tat-trinka li saret minn Epic fi Triq Santa Katarina, Triq l-Imqabba, Misraħ Repubblika u Triq San Mikiel, saret diżastru. Is-Sindku qalet li s-Segretarju Eżekuttiv tkellmet kuljum mal-Perit inkarigat u s'issa ma tagħtix risposta fuq ix-xogħol ħażin li sar. Is-Sindku qalet li anke tkellmet ma' IM fuq il-każ waqt laqgħa li kellha.<br>• Waħda mill-gabbani li ramgħat waqt il-purċissjoni tad-Duluri, għamel ħafna kuluri ta' bnadar u dawl, li ma kienx xieraq għal waqt l-funzjoni. Kien hemm qbil li s-Sindku tkellem lil dak il-hawker u li ma jiżdidux aktar halkwers milli hawn bħalissa. |
| | | |
| | | |
| 47.4.3 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato :<br>• talbet biex isir proġett fejn it-tfal jkunu jistgħu jgħamlu użu bir-roti għax m'għandhomx fejn.<br>• Tkellmet fuq il-farmers' market. Hi qalet li flimkien mas-Sindku marru laqgħa mal-food markets committee u tkellmu biex isir fiż-Żurrieq ukoll u jibdew jinbiegħu prodotti maltin fil-farmers' market, fejn jiġu involuti ukoll is-soċjetajiet tar-raħal. Kien hemm qbil li ssir fi Triq P P Saydon u Misraħ Repubblika.<br>• Cat cafe – wieqaf minħabba s-saqaf għax qed jgħidulna li s-saqaf ma jistax jsir. Tħossha irrabjata għax f'postijiet oħra li huma ODZ, isiru affarijiet strutturali li m'humiex *see through,* hekk kif l-unsill ġie mġiegħel biex jagħmel fil-cat cafe. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Onorevoli Stephan Zrinzo Azzopardi, rappreżentanti tal-PA u l-perit tal-Kunsill u rappreżentanti tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.<br><br>F'dan il-ħin ħareġ il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia (19:30) |
| | | |
| 47.4.4 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• li fit-toroq hemm bollards tal-MTA maqlugħin u U bars inqalgħu meta saret Triq Bronja. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tkellmet mal-kuntrattur ikkonċernat.<br>• Il-kunsill kien talab biex jitneħħew l-arbli ta' Deutshewelle ġaladarba ilhom snin ma jintużaw. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li anke lill-Ministru kkonċernat kitbet u s'issa għadha ma kelliex tweġiba. Kien hemm qbil li tintbagħat tfakkira. |
| | | |
| ***47.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| **47.6.1** | | **PC61/22 Ser ikun preżenti l-konsulent tal-Kunsill għall-PA u l-perit tal-proġett** |
| | | |
| 47.6.1 | | Il-Perit tal-proġett infurmana li hu imsiefer u għalhekk ma setgħax jattendi għas-seduta.<br>Dan l-item jitpoġġa fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***47.7.2*** | | ***Attivitajiet ta' Jum iż-Żurrieq/Festa Ħut/Ċittadin Ewlieni*** |
| | | |
| 47.7.2 | | Is-Sindku qalet li għada hi u l-kunsilliera Marisa D'Amato u Kyle Mifsud ser ikollhom laqgħa bejniethom biex jaħdmu fuq l-organizzazjoni tal-attivitajiet. |
| | | |
| ***47.8*** | | ***Stemma taż-Żurrieq*** |
| | | |
| 47.8.1 | | Is-Sindku Rita Grima qalet li kellha diversi laqgħat fuq il-bdil tal-istemma u fl-aħħar bl-għajnuna kbira tal-Ministru Owen Bonnici l-stemma uffiċċjalment inbidlu l-kuluri tagħha għal dawk li l-aktar jafugħha ż-Żrieraq – Ċelesti u blu.<br><br>Is-Sindku spjegat il-proċess twil u iebes, li kienet tinvolvi l-bidla tal-kuluri.<br>Dawk preżenti ferħu u rringrazzjaw lis-Sindku tax-xogħol li ħadet f'dan il-proċess.<br><br>Kien hemm qbil li jiġu ordnati bnadar bil-kuluri mibdula.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jinforma lill-pubbliku b'ddan kollu waqt l-attivita ta' Jum iż-Żurrieq u għalissa ma jingħad xejn.<br><br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud issuġġerixxa li l-Kunsill jgħid lill-bandisti miż-żewġ soċjetajiet, idoqqu l-innu taż-Żurrieq waqt l-attivita' ta' Jum iż-Żurrieq. Kien hemm qbil fuq dan. Il-Kunsillier Marisa D'Amato ssuġġeriet li jsir filming ta' kant tal-innu taż-Żurrieq fuq youtube. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| **47.9** | | **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| ***47.10*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 47.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• Qrat ittra li inkitbet lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi fir-rigward tal-proġett tal-Mitħna tax-Xarolla. **Dok 2 mehmuż**<br>• Is-Sindku kellha laqgħa ma' diriġenti tal-berġa tas-saħħa taż-Żurrieq fejn ilmentat li l-Kunsill qed iħallas spejjeż fuq il-berġa, meta l-Kunsill m'għandu l-ebda dritt fuq il-berġa. Hi ssuġġeriet li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma jiġu trasferiti fuq id-Dipartiment tas-saħħa. Kien hemm qbil li jibda l-proċess u li jintemm il-ftehim li kien iffirmat snin ilu.<br>• Saret talba biex jiġi estiż l-MOU tal-kenniesa ma' Clean Malta sa sitt xhur oħra, peress li skada f'Marzu.<br>• Rigward il-laqgħa li l-Kunsill talab lill-Perit Lewis biex jispjega r-rapport tar-rotta tat-traffiku li għamel, ir-risposta kienet li issir laqgħa fil-ġimgħa li ġejja. Kien hemm qbil li ġaladarba l-perit jista fid-19 ta' April, il-laqgħa ssir dak inhar.<br>• L-Assoċjazzoni tal-Kunsilli Lokali avviċinat lill-Kunsill Lokali biex isibu bank fil-lokal, sabiex jinżebah b'tema u b'kuluri tal-bandiera Ewropea. Kien hemm qbil li jsir fi Ġnien tal-Ewropa. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Ilum il-Kunsill irċieva email mill-Kunsill ta' Pedara li bejn il-15 u 18 ta' Ġunju ġejja delegazzjoni ta' Sindku, Kunsilliera u xi persuni oħra minn Pedara. Qed jippjanaw li jagħmlu attivita mużikali, imma aktar dettalji jingħataw kif toqrob id-data.<br>• Resident qed jitlob biex Trejqet in-Nigret issir *one way traffic*. Kien hemm qbil li tintalab petizzjoni mir-residenti tat-triq. |
| | | |
| | | |
| ***46.11*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-<br>ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 47.11.1 | | Ġew approvati l-minuti ta' Reġjun Punent numru 17. |
| | | |
| ***47.12*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 47.12.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta' €28,958.95<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Kyle Mifsud u Dino Bonnici. |
| | | |
| ***47.13*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 47.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:15. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 10 ta' Mejju, 2023, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 10 ta' MEJJU, 2023.

IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**